**17 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Paul Laferla**

**Soprassessjoni — Periti Perizjuri — Art. 686 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Skond il-ġurisprudenza, is-soprassessjoni f'kawża kriminali sakemm tiġi deċiża kawża oħra ċivili, ma għandiex tiġi konċessa faċilment. Sabiex is-soprassessjoni tiġi, eċċezzjonalment, ordnata, jeħtieġ (a) jew li t-tribunal kriminali, investit bil-kwistjoni prinċipali, ma jkollux elementi biżżejjed biex jiddeċidi l-eċċezzjoni li fuqha tintalab is-soprassessjoni, (b) jew li dak it-tribunal ikun fl-impossibbilità ġuridika li jiddeċidi l-kwistjoni prinċipali qabel ma tinqatà l-kawża l-oħra.*

*In teorija, ma hemm xejn kuntrarju għal-liġi li l-Qorti tal-Appell Kriminali tinnomina periti oħra, meta ma tkunx soddisfatta bil-perizja li saret in prima istanza. Tista' anki tirrikjedi eluċidazzjoni ulterjuri minn għand il-periti ġa nominati. U għalhekk tista' tirrimanda d-deċiżjoni dwar it-talba għan-nomina ta' periti ulterjuri għal stadju ieħor tal-kawża, wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-appell. Jekk hija tħoss li, ekwament, hi tkun tista' tifforma ġudizzju dwar is-suffiċjenza o meno tal-perizja ġa kostitwita wara li tkun semgħet dik it-trattazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Paul Laferla talli fit-30 ta' Ottubru 1958, jew fi żmien qabel, (1) naqas li jagħti jew jibgħat lill-impjegat tiegħu Edward Rizzo, fi żmien l-ewwel sitt ijiem tal-impjeg tiegħu, dikjarazzjoni ffirmata minnu fejn turi fil-qosor il-partikularitajiet speċifikati fis-sezzjoni 24(1)(a) sa'-(f) tal-Att XI tal-1952; (2) naqas li jħallas lill-imsemmi Edward Rizzo pagi li kellhom jiġu mħallsa lilu anqas minn darba fix-xahar, meta l-pagi tiegħu huma fissati fix-xahar; (3) naqas li jħallas lill-impjegat tiegħu Edward Rizzo l-pagi

kollha li kienu għadhom ma tħallsux lill-imsemmi Edward Rizzo, li jammontaw għas-somma ta' £70.3.0d. mid-data tal-jum tal-paga li tiġi minnufih wara ffissata taħt is-subart. 1 tas-sezzjoni 22 tal-Att XI tal-1952; (4) ta s-sensja lil l-impjegat tiegħu Edward Rizzo mingħajr ma tah avviż ta' ġimgħatejn, jew pagi li jlaħħqu £15 għall-imsemmi avviż ta' ġimgħatejn; barra minn dan, it-talba biex il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lil Edward Rizzo (i) is-somma ta' £70. 3. 0d bħala bilanċ tal-pagi li kellhom jiġu mħallsa lilu tax-xogħol li għamel matul l-aħħar tliet xhur il-impjeg miegħu. (ii) u s-somma ta' £15 ta' ġimgħatejn pagi taż-żmien tal-avviż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Mejju 1961, li biha sabet l-imputat ħati skond l-imputazzjonijiet, u kkundannatu għall-multa ta' £2 għall-ewwel imputazzjoni, għall-multa ta' £5 għat-tieni mputazzjoni, għall-multa ta' £5 għat-tielet imputazzjoni, u għall-multa ta' £5 għar-raba' mputazzjoni, u laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni u ordnat lill-imputat iħallas lil Edward Rizzo (a) is-somma ta' £70. 3. 0d bħala bilanċ ta' pagi lilu dovuti għax-xogħol li għamel matul l-aħħar tliet xhur tal-impjeg tiegħu mal-imputat, (b) u s-somma ta' £15 ta' ġimgħatejn paga minflok l-avviż;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appellant, permezz tad-difensur tiegħu, issolleva żewġ punti preliminari, ċjoè dak tas-soprassessjoni f'din il-kawża sakemm tinqata' l-kawża li l-appellant għamel quddiem it-tribunali ċivili dwar meritu konness mal-imputazzjonijiet odjerni, u in subordine li jiġu nominati periti perizjuri;

Dwar l-ewwel punt;

Id-dispożizzjoni tal-liġi li taċċenna għas-soprassessjoni

fil-ġudizzju kriminali sakemm tiġi deċiża kawża oħra, hi kontenuta fit-tieni subartikolu tal-art. 686 tal-Kodiċi Kriminali, u partikolarment fil-kliem "jew wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha";

Skond il-ġurisprudenza, is-soprassessjoni ma għandiex tiġi faċilment konċessa; (a) għaliex l-ordni publiku, li hu a bażi tal-proċeduri kriminali, jeħtieġ li jiġi stabbilit *sollecitament* (App. Krim. "Pul. vs. Herbert", 30 ta' April 1938, Vol. XXX-IV-550); (b) għaliex, per regola, il-Qorti *kompetenti li tiddeċidi* l-kwistjoni prinċipali hi wkoll kompetenti li taqta' l-kwistjonijiet inċidentali li jiġu proposti; (c) u għaliex il-liġi tgħid li l-azzjoni kriminali hija ndipendenti mil-l-azzjoni ċivili;

Sabiex tiġi, għalhekk, eċċezzjonalment ordnata s-soprassessjoni, jeħtieġ (a) jew li t-tribunal kriminali, *investit* bil-kwistjoni prinċipali, *ma* jkollux elementi biżżejjed biex jiddeċidi l-eċċezzjoni li fuqha tkun qegħdha tintalab is-soprassessjoni, (b) jew li dak it-tribunal ikun fl-"impossibbilità ġuridika" li jiddeċidi l-kwistjoni prinċipali qabel ma tinqata' l-kawża l-oħra. Ebda wieħed minn dawn l-elementi ma jirrikorri f'dan il-każ; għaliex l-attijiet tal-kawża juru li din il-Qorti għandha quddiemha elementi biżżejjed biex tiddefinixxi f'sens jew ieħor l-appell bil-gravami fih dedotti; u għaliex ma hemmx ebda neċessità ġuridika mprexxindibbli li wieħed jistenna l-eżitu tal-kawża li għamel l-appellant biċ-ċitazzjoni nru. 463/1961, introdotta fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li l-Qorti eżaminat, u fejn iddeduċa ċerti pretensjonijiet tiegħu kontra l-impjegat Edward sive Eddie Rizzo. Jekk dawk il-pretensjonijiet għandhomx jinfluwixxu jew le fuq l-imputazzjonijiet odjerni anki fis-sens li jeskluduhom, "in toto" jew "in parte", hi ħaġa li tista' aġevolment tiġi eżaminata anki f'dan il-ġudizzju fuq l-elementi probatorii li jeżistu; salv dejjem, jekk ikun il-każ, li l-appellanti jikkawtela ruħu "civiliter", skond il-liġi;

Kwantu għat-tieni punt, dwar it-talba għall-periti perizjuri;

In teorija, ma hemm xejn kuntrarju għal-liġi li din il-

Qorti, kif diversi drabi sar, tinnomina f'din is-sede periti oħra meta ma tkunx soddisfatta b'dik li saret in prima istanza. Tista' anki tirrikjedi elucidazzjonijiet ulterjuri mill-periti ġa nominati. Iżda din il-Qorti tħoss li, ekwament, hi tkun tista' tifforma dan il-ġudizzju dwar is-sufficjenza o meno tal-perizja ġa kostitwita mhux f'dan l-istadju, imma wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-appell, li fost il-gravami tiegħu jikkomprendi anki l-impunjazzjoni tal-perizja;

Għalhekk tiddirimi ż-żewġ incidenti proceduralì, billi tirrespinġi t-talba għas-soprassessjoni, u kwantu għat-talba għan-nomina ta' periti perizjuri, tirriżerva tiddecidi dwar il-fondatezza o meno ta' dik it-talba fi stadju ulterjuri ta' dan l-appell;

Il-kawża tibqa' għall-kontinwazzjoni għat-8 ta' Lulju 1961.